# Lura għall-istatus quo fl-ambjent

## Iż-żewġ partiti l-kbar ma kellhomx il-kuraġġ li jpoġġu l-interess nazzjonali quddiem dak partiġjan

Illum iż-żewġ partiti politiċi l-kbar reġgħu ħadu lill-pajjiż lura għal żmien l-istatus quo ta' qabel l-2004. Dan il-Gvern li tant jitkellem dwar il-ħarsien tal-liġi u l-ordni pubbliku qiegħed għall-kuntrarju juri l-id tal-ħadid maż-żgħir u l-kwiet waqt li jħalli sitwazzjoni fejn kulħadd jagħmel li jrid għal min hu mdorri jgħajjat u jsabbat.

Fid-diskors tiegħu fil-Parlament illum il-Ministru Herrera wera li ma jifhimx it-tifsira ta' park nazzjonali u sit Natura 2000. Filwaqt li tajjeb li jinstab bilanċ, f'sit bħall-Park tal-Majjistral hemm il-bżonn tal-ħarsien tan-natura u mhux il-qerda tal-bijodiversità.

B'dispjaċir ninnutaw li l-Ministru Herrera ma kellux il-kuraġġ li jesprimi l-opinjoni tiegħu imma rrepeta d-deċiżjoni li ttieħdet mill-Prim Ministru Joseph Muscat.

Hu diżappuntanti wkoll li deputati tal-Oppożizzjoni Nazzjonalista li jaqblu mal-pożizzjoni ta' BirdLife Malta u għaqdiet oħra ambjentali dwar dan il-każ ma kellhomx il-kuraġġ li jesprimu ruħhom quddiem il-kap tal-PN Adrian Delia.

Hi ħasra li għal darba oħra llum iż-żewġ partiti l-kbar urew li m'għandhomx il-kuraġġ li jpoġġu l-interess nazzjonali quddiem dak partiġjan fejn għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet ambjentali!

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

